FGURA

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u ħamsin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 29 t'Awwissu, 2011, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur M. Lombardo – 18:50hrs<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur C. Bonello – 18:34hrs<br>Is-Sur A.Debono |
| **A/Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Chev. D. Marmara` kien kiteb lill-Kunsill sabiex ikun skużat mil-laqgħa numru 52 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li saret fil-25 ta' Lulju, 2011. Din it-talba ntbaghtet fis-18:57, meta l-laqgħa kienet ġja' bdiet, għalhekk ġiet meqjusa bħala nvalida.

Chev. D Marmara` KLJ kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat minn din il-laqgħa numru 55 minħabba xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk approva li jkun skużat għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

Il-Vici Sindku ressaq Dikjarazzjoni li qiegħda annessa bħala 'DOK A'.

**1.0** **Minuti**

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3107/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 25 ta' Lulju, 2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3107/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3108/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 20 ta' Lulju, 2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3108/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3109/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 7 ta' Lulju, 2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3109/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra fis-18:34.

## 2.0 Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

## 3.0 Purchase Request Forms

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3110/11/6 "Sabiex tiġi approvata PRFPO for CM 29/8/11". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3110/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

4.0 **Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3111/11/6 "Sabiex tiġi approvata Skeda ta' Ħlasijiet – Rapporti ta' Xiri u Pagamenti datata 26/07/2011 sa 22/8/2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3111/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

4.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3112/11/6 "Sabiex tiġi approvata Skeda ta' Ħlasijiet – Rapporti ta' Xiri u Pagamenti datata 23/08/2011 sa 26/8/2011." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3112/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

5.0 **Tenders**

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3113/11/6 "Sabiex jiġi estiż MAG-17-10 b'sena". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur C Bonello
Kontra – Sur A Debono
Astenzjonijiet – Ħadd

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3113/11/6 kienet approvata b'sitt voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

5.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3114/11/6 "Sabiex jinħareġ tender għal *road marking paint* peress li dak preżenti ser jiskadi." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3114/11/6 kienet approvata nem con bi qbil unanimu.

5.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3115/11/6 "Sabiex tender SA-17-11 Upkeep and Maintenance of soft areas jiġi mirbuħ minn Wilson Mifsud peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3115/11/6 kienet approvata nem con bi qbil unanimu.

5.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3116/11/6 "Sabiex tender EMB-FUTD-17-11 Embellishment works in front of Fgura United Football Pitch, jiġi mirbuħ minn Polidano peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3116/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

5.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3117/11/6 "Sabiex tender CM-ARCH-17-11 Services of Contract Manager for the upkeep and maintenance of roads and pavements, jiġi mogħti lill-Perit William Lewis peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3117/11/6 kienet approvata b'ħames voti favor, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra fis-18:50.

5.06 Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni l-aġġudikazzjoni ta' tender RES-17-11.

5.06.1 Is-Sur C Bonello staqsa kemm huwa l-ammont ta' flus mitlub f'dan it-tender, filwaqt li qal li l-ebda tender ma kien qed jitressaq b'rapport t'aġġudikazzjoni. Is-Sur C Bonello qal li wieħed m'għandux jiġġudika fuq il-bażi ta' liema tkun l-orħos offerta għaliex ġja' kien hemm esperjenzi qarsa fejn l-irħis ġie għali.

5.06.2 Is-Sur S Camilleri semma' kif wieħed biex jiddiskuti t-tender għandu jara t-tagħmir, l-esperjenza u r-riżultati li *tenderer* kellu fil-passat. Huwa qal li jekk is-Sur C Bonello xtaq jikkontesta xi ħaġa partikolari, tajjeb li jressaqha fil-laqgħa tal-Kunsill.

5.06.3 Is-Sur C Bonello qal li sa fejn jaf hu għandu jkun hemm *adjudication committee* li jħejji rapport tekniku sabiex jitressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill qabel ma tittieħed deċiżjoni.

5.06.4 Is-Sur Anthony DeGiovanni qal li jekk dan it-tender jiflaħ jistenna qabel ma tittieħed deċiżjoni dwaru, tali deċiżjoni għandha tkun posposta.

5.06.5 Is-Sindku qal li se jkun qed jistenna rapport mill-perit, sabiex wara l-Kunsill ikollu bażi fuq hiex tittieħed din id-deċiżjoni.

5.07 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3118/11/6 fir-rigward ta' quotation CCTV-17-11 "Sabiex tintgħażel l-offerta ta' Alberta option 2 peress li hija l-iktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3118/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

**6.0 <u>Trasport Pubbliku</u>**

6.01 Is-Sindku qal li flimkien mas-Sur P Dalli attenda għal laqgħa mas-Sur Konrad Pule` tat-Transport Malta. Is-Sur

K Pule` qal li l-pjan ta' Transport Malta hu li r-residenti tal-Fgura ma jkollhomx jistennew iktar minn għaxar minuti fuq l-istejġ sakemm jirkbu x-xarabank. Is-Sindku qal li l-uffiċċjal ta' Transport Malta qal ukoll li qed jigi kkunsidrat ukoll li dawk li qabel kienu r-rotot 29 u 300, ikunu amalgamati ma' rotot oħra li ġabu magħhom is-servizz il-ġdid. Hemm ukoll il-ħsieb li jkun hemm rotta li tgħaddi minn Triq Valperga.

6.02 Is-Sur P Dalli qal li waqt il-laqgħa ngħatat spjegazzjoni ta' kif inhi mqassma l-Fgura, sabiex jingħata iktar għarfien dwar iż-żoni li mhux qed jintlaħqu bis-servizz tat-trasport pubbliku l-ġdid.

6.03 Is-Sindku qal li f'din l-istess laqgħa li saret ma' Transport Malta kien deċiż li bejn is-7:00am u t-8:00am jibda jkun hemm xarabank li jitlaq minn Triq Hompesch. Dan isir biex tkun evitata l-problema li r-residenti tal-Fgura ma jkunux jistgħu jirkbu x-xarabank minħabba li tasal fl-istejġ mimlija bil-passiġġieri.

Is-Sur C Bonello għadda dikjarazzjoni lill-Aġent Segretarju annessa bħala 'DOK B'.

Is-Sur S Camilleri għamel point of order li permezz tiegħu xtaq ikun jaf x'dikjarazzjoni ġiet mgħoddija lill-Aġent Segretarju.

Is-Sur C Bonello qara d-dikjarazzjoni.

**7.0 <u>Żjara mill-President ta' Malta / Jum il-Fgura</u>**

7.01 Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellu mas-Segretarjat tal-President ta' Malta, li għaliha kien preżenti wkoll is-Sur M. Lombardo, intqal li l-President se jkun jista' jżur il-Fgura nhar it-Tnejn 17 t'Ottubru, 2011. Il-flus li se jinġabru mill-attivitajiet sportivi se jkunu qed imorru għall-*Community Chest Fund*. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li Jum il-Fgura jsir Ħadd qabel is-soltu. Il-ħsieb huwa li l-President ta' Malta jiltaqa' mal-għaqdiet billi l-ewwel issir quddiesa, imbagħad żjara fil-każin tal-banda, u wara ssir żjara fil-grounds tal-football. Il-President huwa wkoll tax-xewqa li kull għaqda tippreżentalu l-ħidma tiegħu. Hemm ukoll l-idea li ssir *fun run*.

7.02 Is-Sur M Lombardo propona li għal din is-sena l-korteo għandu jsir qabel il-quddiesa.

7.03 Il-Viċi-Sindku semma' li m'hemm xejn ħażin li tiċċaqlaq id-data ta' Jum il-Fgura b'ġimgħa b'lura.

qabel

7.04 Is-Sur C Bonello saħaq li l-bandiera tal-Fgura għandha tittella' fi Pjazza Reggie Miller f'Jum il-Fgura bħala wieħed mill-elementi prinċipali li għandu jinżamm. Is-Sindku qal li dan is-suġġeriment ser jittieħed in konsiderazzjoni. Sakemm tasal il-laqgħa li jmiss se jkun qed jitlaqqa' s-sotto kumitat sabiex jerġa' jiddiskuti t-teknikalitajiet dwar Jum il-Fgura.

7.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3119/11/6 "Sabiex Jum il-Fgura tiġi organizzata fit-23 t'Ottubru, 2011 fejn ser jattendi l-President ta' Malta, għal spiża ta' mhux aktar minn €3500". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3119/11/9 kienet approvata *nem con.*

7.06 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3120/11/6 "Sabiex issir laqgħa tas-soċjeta' ċivili mal-President ta' Malta, nhar it-Tnejn 17 t'Ottubru għal spiża ta' mhux aktar minn 400 Ewro". Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3120/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**8.0 <u>Memos</u>**

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3121/11/6 "Sabiex, il-Kunsill Lokali tal-Fgura japplika għal Memo 66/2011 – Skema ta' finanzjament għal titjib fil-playing fields eżistenti wara li l-Perit tal-Kunsill jagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex timtela' din l-applikazzjoni". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3121/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

8.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3122/11/6 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura japplika għal Memo 65/2011 - Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2012, fejn il-Kunsill Lokali tal-Fgura japplika għal attivita' ta' arti, mużika, *food eating competitions,* u *food fight.*" Din kienet sekondata mis-sur C Bonello. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3122/11/6 kienet approvata *nem con.*

**9.0 Rapporti: Kumitati u Sotto Kumitati**

Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 3123/11/6 "Sabiex il-Kunsill jibgħat dawn l-ilmenti annessi lil Transport Malta biex jiġu approvati". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3123/11/6 kienet approvata *nem con.*

**10.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.01 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jfassal politika li tippromwovi lil dawk il-ħaddiema klerikali mpjegati mal-Kunsill li jkollhom ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex il-paga tagħhom tiżdied permezz ta' skala aħjar. Huwa għamel referenza għall-ftehim kollettiv li għandhom dawn il-ħaddiema. Is-Sindku wera l-ħsieb li titressaq mozzjoni għal dan il-għan.

Is-Sur C Bonello qal li għalkemm m'huwiex kontra l-promozzjoni tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill, xorta jħoss li *policy* ta' din ix-xorta għandha l-ewwel titressaq għall-vot tal-Kunsill sabiex sussegwentament tkun implimentata.

Is-Sur M Lombardo talab li din l-item tkun imtella' fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss. Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda problema biex isir dan.

10.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3125/11/6 "Sabiex jinxtara l-ktieb 'L-imtieħen tat-tħin tal-qamħ fil-gżejjer Maltin', għal-librerija għal prezz ta' 12.50 Ewro." Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Ittieħed vot. Il-mozzjoni kienet approvata *nem con.*

10.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3126/11/6 "Sabiex is-Sindku u l-Viċi Sindku jattendu l-laqgħa tas-Sindki, 28 u 29 t' Ottubru, 2011, għal mhux aktar minn 300 Ewro." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra – Sur A Debono

Astenzjonijiet – Ħadd

Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3126/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, vot wieħed kontra u l-ebda astenzjoni.

10.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3127/11/6 "Sabiex isir ringrazzjament lil Anthony Fenech, ħaddiem assenjat mal-Kunsill Lokali Fgura, li ser jirtira, għal mhux aktar minn 50 Ewro". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3127/11/6 kienet approvata *nem con.*

10.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3128/11/6 "Sabiex issir *health insurance* tas-Segretarju Eżekuttiv għal 37 Ewro". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3128/11/6 kienet approvata *nem con.*

10.06 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3129/11/6 "Sabiex tinxtara Shredder għal mhux aktar minn 300 Ewro". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3129/11/6 għaddiet *nem con.*

10.07 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3130/11/6 "Sabiex l-*audit report* 31 *December* 2010, jiġi mwieġeb fis-sens hekk anness" (Ara DOK C). Saret diskussjoni dwar il-*Management Letter* u t-tweġiba li l-Kunsill se jkun qed jagħti għalih. Il-Kunsillieri talbu li jingħataw kopja tad-dokumenti li se jkunu annessi ma' din it-twegiba. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3130/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tlett astenzjonijiet.

10.08 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3131/11/6 "B'referenza għal artiklu 4.1 tal-*audit report* il-Kunsill Lokali jagħmel *renewal* tal-kuntratt *street lightning maintenance on a monthly basis".* Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3131/11/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

10.09 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3132/11/6 "Sabiex fir-rigward tal-email annessa fejn il-Kunsill Lokali tal-Fgura ġie mitlub iwieġeb fir-rapport tal-Awditur Ġenerali 2009. Il-Kunsill Lokali huwa tal-opinjoni li l-Kunsill Lokali ġie żgwidad fl-opinjoni li l-impjegata msemmija kienet eleġibbli għal *promotion* għal Scale 11. Il-Kunsill Lokali jħoss li l-impjegata m'għandha l-ebda tort u għalhekk m'għandhiex tkun penalizzata. Il-Kunsill talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal gwida fit-23 ta' Marzu, 2010, u li sal-lum ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill jinnota li l-persuna in kwestjoni ser tiġi *in order* mal-iskala 11 f'madwar xahar ieħor". Ara 'DOK D' li kien mehmuż mal-mozzjoni. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3132/11/6 kienet approvata unanimament.

11.0 **<u>Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali</u>**

11.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3124/11/6 "Sabiex tinxtara ħamrija għal Triq il-Pitirross sabiex tintuża waqt ix-xogħolijiet li qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Għal mhux aktar minn 400 Ewro". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3124/11/6 kienet approvata *nem con.*

Il-Viċi Sindku ressaq *point of personal explanation* fejn qal li fil-laqgħa tas-Sindki qatt ma qal xi ħaġa kontra s-Sur C Bonello. Qal ukoll li dan ġie kkorroborat mis-Sur M Lombardo. Il-Viċi Sindku qal li tkellem dwar il-mod kif qed jiġu trattati l-ilmenti min-naħa tas-Segretarjat Parlamentari li jmexxi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara l-Viċi Sindku qara d-dikjarazzjoni annessa bħala 'DOK A'.

11.02 B'referenza għal 'DOK E' (mehmuż) rigward il-kuntratt DEM-17-11 is-Sur S Camilleri qal li l-Kunsill dejjem talab biex ma jintilifx żmien. Is-Sur S Camilleri qal li s-suġġerimenti tal-Perit tal-Kunsill Lokali Fgura għandhom ikunu segwiti mill-Kuntrattur. Peress li ma ġietx segwita din is-sistema qed jinħela ħafna żmien. Saħaq li l-Kunsill ilu xahar u nofs fl-istess fażi. Is-Sur S Camilleri jħoss li l-Perit tal-Kunsill mhux qed imexxi l-Aġenda tal-Kunsill kif għandu jkun. Ġibed l-attenzjoni li kien sar

pjanar taż-żmien meta jsir it-twaqqiegħ minħabba l-elementi li ġġib magħha x-Xitwa. Qal li ntilef żmien prezzjuż. Id-deċiżjoni jeħtieġ li ssir immedjatament.

11.02.1 Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li l-Kunsill jerġa' jiltaqa' malajr mall-Perit flimkien mas-Sur S Camilleri biex f'dan l-istadju l-Kunsill jara kif għandu jmexxi. Saħaq li t-tweġiba mehmuża bħala 'DOK E' mhix tweġiba sodisfaċenti u waslet seba' minuti qabel din il-laqgħa.

11.02.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3133/11/6 "Il-Kunsill Lokali Fgura ma hux kuntent bir-risposta tal-Perit Valerio Schembri u jitolbu sabiex ilaħħam aktar ir-risposta tiegħu. Il-Kunsill jiltaqa' b'urġenza meta jkollu f'idejh ir-risposta meħtieġa, li naraw li ssir fi żmien jumejn. Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. Il-mozzjoni ref: 3133/11/6 kienet approvata *nem con* bi qbil unanimu.

## 12.0 Mozzjonijiet

12.01 Ma tressqet l-ebda mozzjoni qabel il-laqgħa.

## 13.0 Aġġornament

13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-20:55 u kienet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru, 2011 fis-18:30.

Sindku

A/Segretarju